# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

### Il-Pulizija
### (Spettur Mario Xiberras)

### vs

### Gabriele Moccia

**Kumpilazzjoni Nru: 532/2020**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gabriele Moccia, ta' 38 sena, bin Alexandro u Cristina nee' Captani, imwieled nhar it-02 ta' April, 1982 f'Ferrara fl-Italia bi numru tal-passaport YA3580576 u minghajr indirizz fiss.

Akkuzat talli:

1. Talli nhar is-07 ta' Ottubru, 2020 bejn 18:30hrs u 19:00hrs minn gewwa hanut bl-isem A and Z mini market li jinsab fi Triq il-Halel, San Pawl il-Bahar ikkommetta serq ta' flus kontanti u oggetti ohra li l-valur taghhom mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37) liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, u bil-valur, u li sar ghad-dannu ta' Zvetlana Cortis u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ Awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li tarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Alexandra Lengyel kontra l-volonta’ taghha u dan bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra u/jew biex tkun mgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta’ hwejjiegha;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-piena stabbiliti mill-Ligi, ordnat ukoll il-konfiska tal-corpus delicti, armi u/jew ghodod ohra li ntuzaw waqt id-delitt ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, ordnat lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ai termini ta’ liema u, in vista ta’ l-ammissjoni inkondizzjonata ta’l-imputat, il-Qorti ikkonvertiet f’Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-koperazzjoni ta' l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 86, 261(a)(b)(c), 262(1)(a), 263, 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **tmintax il-xahar prigunerija u multa ta' mija u sittax Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).** In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputat biex **ihallas lill-parte leza Zvetlana Cortis is-somma ta' disgha mitt Euri (€900),** u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt xhur minn meta jigi hekk mitlub **ihallas l-ispejjez rinkorsi mal-hatra ta'l-esperti** nominati f'l-atti ta'l-inkjesta.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**